



Agenzia Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni

REVIŻJONI ANNWALI TAS-SIGURTÀ 2006

WERREJ

004	SOMMARJU EŻEKUTTIV
005	DAĦLA
006	1.0 ŻVILUPP STORIKU TAS-SIGURTÀ FL-AVJAZZJONI
008	2.0 SIGURTÀ DINIJA TA' OPERAZZJONIJET TA' TRASPORT PUBBLIKU
013	3.0 SIGURTÀ EWROPEA
013	3.1 Operazzjonijiet ta' Trasport Pubbliku
013	3.1.1 Ajrulani b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg MTOM
015	3.1.2 Ħelikopters
017	3.2 Operazzjonijiet ta' l-Avjazzjoni Ġeneral u Xogħol mill-Ajru
018	3.2.1 Ajrulani ta' ġewnaħ fiss
019	3.2.2 Ħelikopters
020	3.2.3 Glajders
021	3.2.4 Balloons
021	3.2.5 Ajrulani ta' Anness 2
022	4.0 KATEGORIJI TA' INĊIDENTI
022	4.1 Indikaturi tas-Sigurtà CAST-ICAO
026	4.2 Indikaturi ta' Sigurà tat-Trasport Pubbliku bl-Ajru
031	5.0 L-AZZJONI TA' SIGURTÀ TA' L-EASA
031	5.1 L-Inizjattiva Ewropea għal Sigurtà Strateġika (ESSI)
032	5.1.1 It-Tim Ewropew għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni Kummerċjali (ECAST)
033	5.1.2 It-Tim Ewropew għas-Sigurtà tal-Ħelikopters (EHEST)
034	5.1.3 It-Tim Ewropew għas-Sigurtà Ĝeneral fl-Avjazzjoni (EGAST)
034	5.2 Tfassil ta' Regoli
034	5.3 Ċertifikazzjoni
035	APPENDIĊI
035	Appendiċi 1: Definizzjonijiet u Akronimi
036	Appendiċi 2: Lista tal-Figuri
038	Appendiċi 3: Lista ta' inċidenti fatali fl-2006
039	Rinunzja

SOMMARJU EŻEKUTTIV

It-titjir bl-ajru hu l-aktar mod sikur ta' kif wieħed jista' jivjägga. Kif turi r-Reviżjoni Annwali tas-Sigurtà, fl-2006 kien hemm l-inqas numru ta' inċidenti fatali bl-ajrulani b'ġewnaħ fiss fit-trasport pubbliku għal dawn l-aħħar għaxar snin (1997–2006). Fl-2006 ġraw 42 inċidenti fatali madwar id-dinja. In-numru ta' mwiet abbord l-ajrulani kien ukoll taħt il-medja fuq perijodu ta' għaxar snin.

Is-sigurtà fl-avjazzjoni Ewropea hija għolja għalkemm in-numru ta' inċidenti fatali żidied xi ffit mis-sena 2004. Fl-2006, kien hemm sitt inċidenti fatali f'operazzjonijiet ta' trasport pubbliku bir-riżultat li 146 persuna tilfu ħajjithom. Dan huwa ogħla mill-medja fuq perijodu ta' għaxar snin (105). In-numru għoli ta' mwiet huwa principally ir-riżultat ta' inċidenti wieħed. Fid-9 ta' Lulju 2006, Airbus 310 reġistrat fi Franza qabeż ir-ranwej f'Irkutsk, ir-Russja u f'dan l-inċident tilfu ħajjithom 126 persuna. Din ir-reviżjoni turi wkoll li r-rati Ewropej ta' titjib fl-inċidenti huma aktar baxxi mill-bqija tad-dinja.

Għall-ewwel darba, l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA) ġabbret u inkludiet f'din ir-reviżjoni, dejta dwar l-inċidenti għall-Avjazzjoni Ġenerali u Xogħol mill-Ajru. Id-dejta nghatnat mill-Korpi Nazzjonali ta' Investigazzjoni ta' l-Inċidenti jew mill-Awtoritajiet Nazzjonali ta' l-Avjazzjoni.

Fuq quddiem nett fil-ħidma ta' l-EASA hemm li tkompli tagħmel ħilitha biex iż-żomm u ttejeb is-sigurtà fl-avjazzjoni. Ir-Reviżjoni Annwali tas-Sigurtà jagħti wkoll ġarsa ġenerali lejn it-titjib fl-azzjonijiet ta' sigurtà li jinkludu l-Inizjattiva Ewropea dwar is-Sigurtà Strateġika.

Din ir-Reviżjoni Annwali tas-Sigurtà hija miġbura mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA) bil-ġhan li tinforma lill-pubbliku dwar il-livell ġeneral ta' sigurtà fil-qasam ta' l-avjazzjoni kif meħtieġ mill-Artikolu 11 (4) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002.

Bi tħejjija għal din ir-reviżjoni, l-Aġenzija kellha aċċess għal informazzjoni dwar l-inċidenti miġbura mill-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) permezz tas-sistema¹ Accident/Incident Data Reporting (ADREP), statistika dwar l-inċidenti ppubblikata mill-ICAO kif ukoll dejta dwar l-użu ta' l-ajrulplani mogħtija mill-ICAO. Barra minn hekk, saret talba lill-Istati Membri ta' l-EASA biex jiksbu dejta dwar inċidenti b'ajrulplani żgħar² matul is-sena 2006.

F'din ir-reviżjoni, “Ewropa” titqies bħala s-27 Stat Membru ta' l-UE flimkien ma’ l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera. Meta mqabbla mar-Reviżjoni Annwali tas-Sigurtà 2005, id-definizzjoni ta' l-Ewropa titwessa’ biex tinkludi fiha l-Istati Membri l-għaddha, jiġifieri l-Bulgarija u r-Rumanija, u l-erba’ Stati ta’ l-EASA li m’humiex membri ta’ l-UE. Ir-reġjun hu assenjat fuq il-bażi ta’ l-Istat tar-Reġistrū ta’ l-ajrulplan involut fl-inċident.

¹ Anness 13 – Investigazzjoni dwar Inċidenti u Aċċidenti ta’ Ajrulplan – din titlob li l-Istati jirrapurtaw lill-ICAO informazzjoni dwar inċidenti fuq ajrulplani li huma ċertifikati li għandhom piż-żgħix minn 2,250 kg fil-ħin tat-tluq.


² Ajrulplani żgħar: ajrulplani li għandhom piż-żgħix minn 2,251 kg fil-ħin tat-tluq.

ŻVILUPP STORIKU TAS-SIGURTÀ FL-AVJAZZJONI

Il-Figuri ta' hawn taħt huma bbażati fuq ir-rati ta' inċidenti ppubblikati fir-Rapport Annwali tal-Kunsill ta' l-ICAO.

FIGURA 1

Imwiet ta' passiġġieri għal kull 100 miljun mil passiġġier, operazzjonijiet skedati ta' trasport pubbliku, b'eċċeżżjoni għal atti ta' indħil illegali




L-informazzjoni fil-**FIGURA 1** turi li s-sigurtà fl-avjazzjoni tjiebet mill-1945 'il quddiem. Ibbażata fuq il-kejl ta' mwiet ta' passiġġieri għal kull 100 miljun mil ta' titjur, ħadet ma' l-20 sena (mill-1948 sa l-1968) biex tikseb l-ewwel titjib ta' għaxar darbiet aktar, jiġifieri minn 5 sa 0.5. Żvilupp ieħor ta' għaxar darbiet intlaħaq fl-1997, madwar 30 sena wara, meta r-rata niżlet għal inqas minn 0.5.

Ir-rata ta' inċidenti f'din il-Figura tidher bħala ċatta għal dawn l-aħħar snin. Dan hu riżultat ta' l-iskala użata biex tirrifletti r-rati għoljin lejn l-aħħar tas-snин erbgħin.

L-ICAO, fir-Rapporti Annwali tagħha, tagħti r-rati ta' inċidenti li fihom ikun hemm imwiet ta' passiġġieri għal kull 100,000 titjira bl-ajroplan. L-iżvilupp ta' din ir-rata fuq l-aħħar għoxrin sena jidher fil-**FIGURA 2**.

FIGURA 2

Rati ta' inċidenti fatali li fihom kienu involuti passiġġieri għal kull 100,000 titjira, operazzjonijiet skedati, b'eċċezzjoni għal atti ta' indħil illegali



Ir-rata ta' inċidenti fatali li fihom kienu involuti passiġġieri f'operazzjonijiet skedati għal kull 100,000 titjira varjat minn 0.18 (1987) għal 0.21 (1993) u ma wriet l-ebda titjib mill-1987 sa l-1993. Minn dik is-sena, ir-rata naqset kontinwament sa l-2003, meta laħqet l-aktar valur baxx ta' 0.03. Wara żjidiet fl-2004 u 2005, b'mod konformi man-numru ta' tnaqqis ta' inċidenti fatali, fl-2006, ir-rata tbaxxiet għal 0.05.

SIGURTÀ DINIJA TA' OPERAZZJONIJET TA' TRASPORT PUBBLIKU

In-numru ta' inċidenti mogħti f'din il-parti tar-rapport hu bbażat fuq informazzjoni miksuba mis-sistema Accident/Incident Data reporting (ADREP) ta' l-ICAO. Dawn għandhom x'jaqsmu ma' inċidenti³ fatali f'ajrulplani li għandhom piż akbar minn 2,250 kg fil-ħin tat-tluq.

In-numru medju ta' inċidenti fatali f'ajrulplani ta' operazzjonijiet ta' trasport pubbliku fl-akħar għaxar snin kien ta' 60 kull sena. In-numru ta' inċidenti fatali fl-2006 (42) huwa inqas minn dak tas-sena ta' qabel, 2005 (59) u huwa l-anqas wieħed fil-perijodu ta' għaxar snin mill-1997 sa l-2006.

FIGURA 3 Inċidenti fatali, total ta' operazzjonijiet ta' trasport pubbliku, ajrulplani b'piż ta' aktar minn 2,250 kg MTOM⁴




Operazzonijiet ta' trasport pubbliku jistgħu jkkomplu jitqassmu f'operazzonijiet tal-passiġġieri, operazzonijiet tal-merkanzija u operazzonijiet oħra, bħalma huma ferry, pożizzjonament, sightseeing u titjiriet ta' taxi bl-ajru. L-aktar operazzonijiet importanti fir-rigward tan-numru ta' operazzonijiet magħmula huma titjiriet tal-passiġġieri u tal-merkanzija. Il-FIGURI 4 u 5 juru n-numru ta' inċidenti fatali għal dawn l-operazzonijiet.

³ Inċident fatali: inċident li kellu fih għall-inqas mewta waħda, ekwipaġġ ta' l-ajrulplan u/jew passiġġier jew fuq l-art, sa 30 jum mill-inċident

⁴ MTOM = piżi massimu ċertifikat mat-tluq (maximum certificated take-off mass)

FIGURA 4

Inċidenti fatali, total ta' operazzjonijiet ta' trasport pubbliku tal-passiġieri, ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg MTOM⁵



Matul l-2006 seħħi total ta' 25 inċidenti fatali f'operazzjonijiet ta' trasport pubbliku tal-passiġieri; l-istess numru bħas-sena 2003. Fis-sena 2004 biss kien hemm inqas inċidenti (20).

FIGURA 5

Inċidenti fatali, operazzjonijiet ta' trasport pubbliku ta' merkanzija, ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg MTOM



⁵ MTOM = piżi massimu ċertifikat mat-tluq


In-numru ta' inċidenti fatali f'operazzjonijiet ta' trasport pubbliku ta' merkanzija fl-2006 kien l-inqas wieħed f'għaxar snin (10).

In-numru totali ta' mwiet abbord fl-operazzjonijiet kollha ta' trasport pubbliku niżel minn 1,140 fl-2005 għal 923 fl-2006. Is-sena 2006 għadha taħt il-medja għal dawn l-aħħar għaxar snin (1,048) u kien biss matul tliet snin tad-deċennu ta' qabel, li n-numru ta' mwiet kien iktar baxx mill-2006. In-numru ta' mwiet f'operazzjonijiet ta' trasport pubbliku fl-2006 kien 823, li juri żjeda mill-456 fl-2004 imma kien hemm nuqqas mid-990 ta' l-2005. In-numru ta' mwiet ta' passiġġieri fl-2006 huwa wkoll taħt il-medja (891.3) għall-aħħar deċennu.

Ta' min jinnota li n-numru ta' mwiet fil-grafika jinkludi mwiet b'rīzultat ta' atti ta' ndħil illegali fl-avjazzjoni ċivili.

FIGURA 6

Inċidenti fatali abbord, total ta' operazzjonijiet ta' trasport pubbliku, ajruperani b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg MTOM




Il-FIGURA 7 turi li fl-aħħar għaxar snin ħafna mill-inċidenti fatali seħħew meta l-ajruperani kienu resqin lejn l-art u fil-fażi ta' landing (40 %) anki jekk ħafna mill-ħin abbord jittieħed mill-fażi en-route jew cruise tat-titjira.

FIGURA 7

Tqassim ta' inċidenti fatali mifuxa fuq il-fażjiet ta' titjir, operazzjonijiet ta' trasport pubbliku dinji, 1997 – 2006, ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg MTOM

- 40% Resqin lejn l-art u landing
- 28% Waqt it-titjira
- 22% Take-off
- 10% Oħrajn




Informazzjoni miksuba mill-ICAO turi li l-flotta tat-trasport kummerċjali bl-ajru, ajruplani ta' aktar minn 9,000 kg MTOM, hi magħmula l-aktar minn ajruplani mgħammra b'turbina li jammontaw għal 99 % tal-flotta. It-tqassim jidher f'**FIGURA 8**.

FIGURA 8

Tqassim tal-flotta tat-trasport kummerċjali bl-ajru skond it-tip ta' propulsjoni Stati kontraenti ta' l-ICAO 1996 – 2005, Piż ta' l-ajruplan aktar minn 9,000 kg MTOM

- 81% Turboġġett/fan
- 18% Prop-turbo
- 1% Magna b'pistun



Is-suġġett ta' **FIGURA 9** hu t-tqassim tat-traffiku skond l-istatistika reġjonali ta' l-ICAO.

FIGURA 9

Tqassim reġjonalni tan-numru ta' titjiriet, operazzjonijiet skedati u mhux skedati, 2000 – 2005





FIGURA 10 turi r-rata ta' l-inċidenti fatali kollha, operazzjonijiet skedati u mhux skedati ta' ajrulplani b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg għar-reġjuni ta' statistika ta' l-ICAO. Il-kalkolu hu bbażat fuq informazzjoni meħuda minn ICAO ADREP għal inċidenti ta' ajrulplani ta' iktar minn 2,250 kg MTOM kif ukoll informazzjoni ta' l-ICAO dwar ċaqliq (skedat u mhux skedat) għar-reġjuni ta' statistika ta' l-ICAO.

FIGURA 10

Rata ta' inċidenti fatali għall-perijodu 2000 – 2005, Operazzjonijiet skedati u mhux skedati



3.0

SIGURTÀ EWROPEA

Dan il-kapitolo jeżamina l-informazzjoni dwar inċidenti ta' l-avjazzjoni fl-Ewropa. Id-definizzjoni ta' l-Ewropa, imqabbla mar-Reviżjoni Annwali tas-Sigurtà 2005, hi mwessħha biex tinkludi fiha l-Istati l-ġodda tal-KE, il-Bulgarija u r-Rumanija u tinkludi l-pajjiżi kollha li mhux fl-KE iżda li huma membri ta' l-EASA.


3.1 OPERAZZJONIJIET TA' TRASPORT PUBBLIKU

3.1.1 AJRUPLANI B'ĠEWNAĦ FISS B'PIŻ TA' AKTAR MINN 2,250 KG MTOM

Fl-2006, in-numru ta' inċidenti fatali b'ajruplani b'ġewnaħ fiss fl-Ewropa, operazzjonijiet ta' trasport pubbliku, kien ta' sitta. Meta mqabbel ma' l-2005 (5) u l-2004 (2) dan ifisser żjeda fl-inċidenti fatali. Madankollu, in-numru jlaħħaq il-medja ta' inċidenti fatali għad-deċennu 1997–2006.

FIGURA 11


Inċidenti fatali, total ta' operazzjonijiet ta' trasport pubbliku, ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg MTOM



In-numru ta' mwiet abbord fl-Ewropa żdied minn 127 fl-2005 għal 147 fl-2006. Dan hu ogħla mill-medja tad-deċennu (105.3). In-numru ta' mwiet ta' passiġġieri f'operazzjonijiet ta' trasport pubbliku fl-2006 kien ta' 134, 4 iktar mill-2004, u 117 fl-2005. In-numru ta' mwiet ta' passiġġieri kien ukoll ogħla mill-medja (91.4) għad-deċennu 1997–2006.

Kemm fl-2005 kif ukoll fl-2006, in-numru għoli ta' mwiet kien ir-riżultat ta' inċident wieħed b'iktar minn 100 fatalità (ara wkoll l-Appendiċi 3). Fid-9 ta' Lulju 2006, Airbus 310 tal-linja ta' l-ajru Sibir irreġistrat Franzia, qabeż ir-ranwej meta kien qed jllandja f'Irkutsk, ir-Russia, u dan wassal biex mietu 126 ruħ. Filwaqt li l-ajrupalan involut f'dan l-inċident kien irreġistrat fi Stat Membru ta' l-EASA, kien qed jiġi operat minn Stat li m'huxiex membru ta' l-EASA.

FIGURA 12 Inċidenti fatali abbord, total ta' operazzjonijiet ta' trasport pubbliku, ajruplani b'ġewna fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg MTOM reġistrati fi Stati Membri ta' l-EASA




Fl-Ewropa, bħal fil-bqija tad-dinja, ġafna mill-inċidenti fatali jiġru meta l-ajrupalani jkunu resqin u fil-fażi ta' landing (43%). Meta dan jiġi mqabbel ma' l-informazzjoni ppreżentata hawn fuq, dan juri li inqas inċidenti fatali jseħħu waqt il-fażi tat-titjira filwaqt li iktar inċidenti fatali jiġu rreġistrati f'waqtiet oħra tat-titjira, per eżempju meta l-ajrupalan ikun fuq l-art wieqaf jew qiegħed jimmanuvra.

FIGURA 13

Tqassim ta' inċidenti fatali matul il-fażjiet tat-titjira, operazzjonijiet ta' trasport pubbliku, 1997 – 2006, ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg MTOM


Ajruplani rreġistrati fi Stati Membri ta' l-EASA

- 43% Approċċ u landing
- 23% Take-off
- 17% Waqt it-titjira
- 17% Oħrajn



Ajruplani barranin

- 39% Approċċ u landing
- 30% Waqt it-titjira
- 22% Take-off
- 9% Oħrajn



3.1.2 ĦELIKOPTERS

L-informazzjoni dwar operazzjonijiet ta' trasport pubbliku finċidenti bil-ħelikopter għas-sena 2006 mogħtija f'dan il-kapitolu hija bbażata fuq informazzjoni li rċeveli l-Istati Membri ta' l-EASA (ara wkoll paragrafu 3.2) u ICAO ADREP.

TABELLA 1


Operazzjonijiet ta' Trasport Pubbliku bil-ħelikopter – sena 2006

Sena	Inċidenti	Inċidenti fatali	Inċidenti Abbord
2006	18	6	20

Iktar minn nofs l-20 fatalità kienu r-riżultat ta' żewġ inċidenti: inċident ta' ħelikopter li kien qed jaħdem 'il barra mill-kosta fis-27 ta' Diċembru 2006 fil-Bajja Morecambe, ir-Renju Unit ħalla 7 min-nies mejta u l-ħabta ta' titjira tat-tip ferry lejn il-viċinanzi ta' Tenerife, Gżejjer Kanarji, li fit-8 ta' Lulju 2006 li kkawżat sitt imwiet.


FIGURA 14

Inċidenti u inċidenti fatali skond it-tip ta' operazzjoni ta' trasport pubbliku ħelikopters ir-reġistrati fi Stati Membri ta' l-EASA, 2006

**FIGURA 15**

Distribuzzjoni ta' ħelikopters użati f'operazzjoni ta' trasport pubbliku – inċidenti minn ħelikopters MTOM ir-reġistrati fi Stat Membru ta' l-EASA, 2006

56% 0 sa 2 250 Kg
22% 2 251 sa 5 700 Kg
22% 5 701 sa 27 000 Kg



F'ħafna każijiet l-investigazzjoni tal-kawżi ta' l-inċidenti tas-sena 2006 għadha għaddejja. Għalhekk m'huwiex possibbli li tingħata deskrizzjoni qasira tal-kawżi ta' inċidenti f'operazzjonijiet ta' trasport pubbliku bil-ħelikopters fis-sena 2006.

3.2 OPERAZZJONIJIET TA' L-AVJAZZJONI ĠENERALI U XOGħOL MILL-AJRU

Ma kienux rappurtati inċidenti ta' ajrulpani żgħar u ma kienx hemm ħtieġa ta' notifika lill-ICAO. Mhux l-istess għal ajrulpani b'piż ta' aktar minn 2,250 kg MTOM. Għalhekk l-EASA għamlet talba lill-Istati Membri tagħha biex jibagħtu informazzjoni dwar inċidenti ta' ajrulpani żgħar lill-Aġenzija. L-informazzjoni f'dan il-paragrafu hija bbażata fuq l-informazzjoni ta' inċidenti li ntbagħtu minn 30 Stat Membru ta' l-EASA flimkien ma' informazzjoni ta' l-ICAO ADREP.⁶

Operazzjonijiet ta' l-Avazzjoni ġenerali⁷ jinkludu per eżempju titjiriet għal pjaċir u ta' taħrif. Operazzjonijiet ta' xogħol mill-ajru huma operazzjonijiet li fihom jintuża ajrulpan għal servizzi speċjalizzati bħal biedja, bini, fotografija, pubbliċità mill-ajru u tifi tan-nar.

Din hi l-ewwel darba li l-Aġenzija ġabret dejta ta' aċċidenti għall-Avazzjoni ġenerali u għal Xogħol mill-Ajru. L-Aġenzija beħsieba tiżviluppa rekord storiku fuq firxa ta' żmien. Billi informazzjoni dwar l-espożizzjoni għall-Avazzjoni ġenerali u għal Xogħol mill-Ajru għadha m'hiex disponibbli, ma setax isir kalkolu tar-rati ta' inċidenti.

⁶ Il-pajjiżi kollha minbarra l-Awstrija taw l-informazzjoni mittluba

⁷ Operazzjonijiet ta' l-Avazzjoni ġenerali huma operazzjonijiet bl-ajru li mhumiex operazzjonijiet ta' transport bl-ajru ta' natura kummerċjali jew ta' xogħol mill-ajru.


3.2.1 AJRUPLANI TA' ĠEWNAĦ FISS

Dan il-kapitolu jippreżenta dejta dwar inċidenti b'ajrulani li għalihom inħareġ ċertifikat li juri li huma tajbin biex itiru, fuq il-bażi tar-Regolament (KE) 1592/2002.

TABELLA 2 Operazzjonijiet b'ajrulani għal Avjazzoni Ġenerali u għal Xogħol mill-Ajru – sena 2006

Sena	Inċidenti	Inċidenti fatali	Imwiet abbord
2006	385	55	102

FIGURA 16 Inċidenti u inċidenti fatali skond it-tip ta' operazzjoni, Avjazzoni Ġenerali u Xogħol mill-Ajru, sena 2006



Kif hemm indikat f'**FIGURA 16**, ħafna mill-inċidenti u inċidenti fatali kellhom x'jaqsmu ma' titjuriet għal pjaċir. In-numru ta' fatalitajiet hu wkoll l-ogħla (57) għal din it-tip ta' operazzjoni.

3.2.2 ĦELIKOPTERS

Dan il-paragrafu jagħti informazzjoni dwar inċidenti ta' trasport bl-ajru b'ħelikopters għas-sena 2006. Tipi ta' operazzjonijiet li jidhru hawn huma operazzjonijiet ta' l-Avjażżjoni Ġenerali u ta' Xogħol mill-Ajru b'ħelikopters.


TABELLA 3 Operazzjonijiet ta' l-Avjażżjoni Ġenerali bil-ħelikopter u ta' Xogħol mill-Ajru – sena – 2006

Sena	Inċidenti	Inċidenti fatali	Imwiet abbord
2006	97	9	19

Fl-2006 kien hemm 9 inċidenti fatali li ġallew 19-il ruħ mejta.


L-informazzjoni f'**FIGURA 17** turi li fl-2006 ħafna mill-inċidenti ġraw waqt titjiriet ta' l-avjażżjoni ġenerali għal skopijiet ta' divertiment.

FIGURA 17 Inċidenti u inċidenti fatali skond it-tip ta' operazzjoni, sena 2006, ħelikopters, Stati Membri SREG ta' l-EASA



Fl-2006 kważi 85 fil-mija ta' l-inċidenti ġraw b'ħelikopters ħief b'MTOM b'piż ta' 2,250 kg jew inqas.

FIGURA 18 Tqassim ta' inċidenti skond MTOM, Stati Membri ta' l-EASA, ħelikopters, 2006



3.2.3 GLAJDERS

Fl-2006 kien hemm total ta' 245 inċidenti bi glajders. Dan jinkludi kemm glajders kif ukoll glajders bil-mutur. Il-31 inċidenti fatali ssarrfu f'41 mewta.

TABELLA 4 Operazzjonijiet ta' l-Avazzjoni Ġeneral u ta' Xogħol mill-Ajru bi Glajders – sena 2006

Sena	Inċidenti	Inċidenti fatali	Imwiet Abbord
2006	245	31	41

3.2.4 BALLOONS

Fl-2006 kien hemm total ta' 15-il inċident b'balloons ħief (0–2,250 kg). Ma kienx hemm inċidenti fatali.

TABELLA 5 Total ta' operazzjonijiet b'baloon fis-sena 2006

Sena	Inċidenti	Inċidenti fatali	Imwiet abbord
2006	15	0	0

3.2.5 AJRUPLANI TA' ANNESS 2

Dan il-paragrafu fih informazzjoni dwar 'l hekk imsejħa Ajruplani ta' Anness 2. Anness 2 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 fih lista ta' kategoriji ta' ajruplani li ma jeħtieġu l-ebda tip ta' ċertifikat mingħand l-EASA jew ta' ċertifikat li juri li huma tajba biex itiru. Dawn il-kategoriji fost l-oħrajn jinkludu:

- ajruplani ta' importanza storika ċara;
- ajruplani ddisinjati jew modifikati għal raġunijiet ta' riċerka, esperimenti jew skopijiet xjentifiċi;
- ajruplani mibnija b'mod amatorjali;
- ajruplani militari;
- ajruplani b'veloċità limitata u b'MTOM limitat.

TABELLA 6 Operazzjonijiet ta' l-Avazzjoni Ġenerali u ta' Xogħol mill-Ajru b'Ajruplani ta' Anness 2 – sena 2006

Tip	Inċidenti	Inċidenti fatali	Imwiet abbord
Ajruplani żgħar			
u Microlights	356	64	81
Gyroplanes	5	1	1
Paraxuts ⁸	23	2	2

⁸ It-23 inċident bil-paraxut ġew irrapurtati minn Stat wieħed biss, u għalhekk in-numru totali hu kkunsidrat bħala mhux rappreżettattiv għall-Istati Membri ta' l-EASA.

4.1 INDIKATURI TAS-SIGURTÀ CAST-ICAO

Kull sena, il-Grupp ta' Studju ta' Indikaturi tas-Sigurtà (SISG) ta' l-ICAO jagħżel kategoriji ta' inċidenti għal inċidenti li ġraw madwar id-dinja billi juża sistema ta' katalogar żviluppat mill-Common Taxonomy Team tal-CAST ICAO. L-analiżi hi bbażata fuq inċidenti ta' ajruplani li jaħdmu b'turbini b'piż iċċertifikat waqt it-tluġ ta' aktar minn 5,700 kg. Operazzjonijiet tat-Trasport Pubbliku u operazzjonijiet ta' l-Avjazzjoni Ġeneral huma inklużi, imma wirjet ta' l-ajru, wirjet ta' titjir, titjiriet bi prova u titjiriet illegali huma esklużi.

Mill-1997 'il quddiem, is-SISG ikkatalogat inċidenti għal din il-klassi ta' ajruplani. Incident jista' jiġi assenjat f'aktar minn kategorija waħda.

Il-Figuri f'dan il-paragrafu juru r-riżultati għal inċidenti b'ajruplani rreġistrati fl-Ewropa u fil-bqija tad-dinja. Il-Figuri huma bbażati fuq total ta' 1,701 inċident u 499 inċident fatali mad-dinja kollha.

L-ewwel tliet kategoriji għall-Ewropa u l-bqija tad-dinja huma l-istess, imma l-ordni tinbidel.

FIGURA 19 Kategoriji ta' inċidenti – inċidenti ta' ajruplani rreġistrati fi Stati Membri ta' l-EASA, użati f'operazzjonijiet ta' trasport pubbliku jew ta' l-avjazzjoni ġenerali, li jaħdmu b'turbina, ajruplani b'piż ta' aktar minn 5,700 kg

Numru ta' inċidenti

ARC:	Kuntatt mhux normali mar-ranwej
SCF-NP:	Ħsara fis-sistema/komponent
RE:	Ħruġ mir-ranwej
RAMP:	Ground Handling
TURB:	turbolenza
GCOL:	Habla fl-art
SCF-PP:	ħsara fil-powerplant
LOC-I:	Telf tal-kontroll – fit-titjira
LOC-G:	Telf tal-kontroll – art
F-POST:	nar/duħħan [wara impatt]
CFIT:	Titjira kkontrollata fuq jew lejn art
WSTRW:	Windshear jew maltempata bis-s-sajjetti.
ADRM:	Ajrodromu
USOS:	Undershoot/overshoot
OTHR:	Ohrajin
F-Ni:	nar/duħħan [mhux wara impatt]
ATM:	ATM/CNS
EVAC:	Evakwazzjoni
UNK:	Mhux magħruf jew mhux stabilit
ICE:	Icing
AMAN:	Manuvra f'daqqa
SEC:	Sigurta relata
MAC:	AIRPROX/near miss/midair collision
RI-VAP:	Dħul fir-ranwej – vettura, a/c jew
FUEL:	Relatata mal-fjuwil
CABIN:	Avvenimenti relata mas-sigurta fil-kabina
RI-A:	Dħul fir-ranwej - annimal




FIGURA 20

Kategoriji ta' inċidenti-inċidenti ta' ajrulani barranin, użati f'operazzjonijiet ta' trasport pubbliku jew ta' l-avjazzjoni ġenerali, li jaħdmu b'turbini, ajrulani b'ġewnaħ fiss b'piż akbar minn 5,700 kg

Numru ta' inċidenti




Meta tħares biss lejn l-inċidenti fatali, l-aktar żewġ kategoriji frekwenti ta' inċidenti huma 'telf ta' kontroll waqt it-titjira' u 'titjira kkontrollata għal ġo l-art'. Ħafna mill-inċidenti madwar id-dinja jsiru għal dawn ir-raġunijiet.

FIGURA 21

Kategoriji ta' inċidenti- inċidenti fatali ta' ajrulpani ta' Stati Membri ta' l-EASA, użati f'operazzjonijiet ta' transport pubbliku jew ta' l-avjazzjoni ġenerali, li jaħdmu b'turbini, ajrulpani b'ġewnaħ fiss b'piż akbar minn 5,700 kg

Numru ta' inċidenti


LOC-I:	Telf tal-kontroll – fit-titjira
CFIT:	Titjira kkontrollata fuq jew lejn art
F-POST:	nar/duħħan (wara impatt)
SCF-PP:	ħsara fil-powerplant
SCF-NP:	ħsara fis-sistema/komponent
RAMP:	Ground Handling
RE:	Ħruġ mir-ranwej
ATM:	ATM/CNS
ADRM:	Ajrodroru
ARC:	Kuntatt mhux normali mar-ranwej
ICE:	Icing
F-NI:	nar/duħħan (mhux wara impatt)
OTHR:	Ohrajin
USOS:	Undershoot/overshoot
RI-VAP:	Dħul fir-ranwej – vettura, a/c jew
EVAC:	Evakwazzjoni
CABIN:	Avenimenti relatati mas-sigurtà fil-kabina
LOC-G:	Telf tal-kontroll – art
SEC:	Sigurtà relatata
MAC:	AIRPROX/near miss/midair collision

**FIGURA 22**

Kategoriji ta' inċidenti- inċidenti ta' ajrulpani barranin, użati f'operazzjonijiet ta' trasport pubbliku jew ta' l-avjazzjoni ġenerali, li jaħdmu b'turbini, ajrulpani b'ġewnaħ fiss b'piż akbar minn 5,700 kg

Numru ta' inċidenti

LOC-I:	Telf tal-kontroll – fit-titjira
CFIT:	Titjira kkontrollata fuq jew lejn art
F-POST:	nar/duħħan (wara impatt)
UNK:	Mhux magħruf jew mhux stabilit
SCF-PP:	ħsara fil-powerplant
RE:	Ħruġ mir-ranwej
SCF-NP:	ħsara fis-sistema/komponent
SEC:	Sigurtà relatata
RAMP:	Ground Handling
ARC:	Kuntatt mhux normali mar-ranwej
WSTRW:	Windshear jew maltempata bis-sajjetti.
FUEL:	Relatata mal-fjuwil
ATM:	ATM/CNS
ICE:	Icing
ADRM:	Ajrodroru
USOS:	Undershoot/overshoot
LOC-G:	Telf tal-kontroll – art
EVAC:	Evakwazzjoni
OTHR:	ohrajin
RI-VAP:	Dħul fir-ranwej – vettura, a/c jew
CABIN:	Avenimenti relatati mas-sigurtà fil-kabina
LALT:	Operazzjonijiet fil-baxx
F-NI:	nar/duħħan (mhux wara impatt)
MAC:	AIRPROX/near miss/midair collision
TURB:	turbolenza
AMAN:	Manuvra f'daqqha
GCOL:	Ħabta fl-art



Għal ajruplani rreġistrati fl-Ewropa, il-kategoriji dominanti dwar in-numru ta' mwiet huma 'ħsara fis-sistema u fil-komponenti jew malfunction-non powerplant' u 'ħruq mhux ikkawżat minn ħabta' (ara FIGURA 23). Billi ftit inċidenti b'numru kbir ta' mwiet jiġi b'ajruplani rreġistrati l-Ewropa, inċident wieħed jista' jinfluwenza l-ordni tal-kategoriji. L-akbar numru ta' mwiet li għandhom x'jaqsmu ma' ħruq mhux ikkawżat minn ħabta hu r-riżultat ta' żewġ inċidenti: Swissair MD-11 (1998) u Air France Concorde (2000). Iż-żewġ inċidenti jiġi fuu kważi l-imwiet kollha fil-kategorija SCF-NP.

Il-kategorija ta' inċidenti 'aerodrome' tiġi r-raba', in-numru ta' mwiet kien l-aktar riżultat ta' żewġ inċidenti kbar: SAS MD80 (2001) fl-Italja u Air France Concorde (2000) fi Franzia. 'Titjira kkontrollata għal-ġo l-art' u 'Telf tal-kontroll waqt it-titjira' huma rrappreżentati b'137 u 162 imwiet rispettivament.

FIGURA 23

Imwiet skond il-kategorija ta' l-inċidenti, ajruplani rreġistrati fi Stati Membri ta' l-EASA, użati f'operazzjonijiet ta' trasport pubbliku jew ta' l-avazzjoni ġenerali, li jaħdmu b'turbini, ajruplani b'gewah fiss b'piż akbar minn 5,700 kg

Numru ta' fatalitajiet

SCF-NP:	ħsara fis-sistema/komponent
F-NI:	nar/duħħan (mhux wara impatt)
F-POST:	nar/duħħan (wara impatt)
ADRM:	Ajrodromu
SCF-PP:	ħsara fil-powerplant
ATM:	ATM/CNS
LOC-I:	Telf tal-kontroll – fit-titjira
RE:	Ħruq mir-ranwej
CFIT:	Titjira kkontrollata fuq jew lejn art
LOC-G:	Telf tal-kontroll – art
OTHR:	ohraji
RI-VAP:	Dħul fir-ranwej – vettura, a/c jew
ICE:	Icing
EVAC:	Evakwazzjoni
CABIN:	Avenimenti relatai mas-sigurta fil-kabina
ARC:	Kuntatt mhux normali mar-ranwej
MAC:	AIRPROX/near miss/midair collision
USOS:	Undershoot/overshoot
RAMP:	Ground Handling
SEC:	Sigurta relatata
WSTRW:	Windshear jew maltempata bis-sajjeti.
UNK:	Mhux magħruフ jew mhux stabilit
TURB:	turbolenza
RI-A:	Dħul fir-ranwej – annimal
GCOL:	ħabta fl-art
FUEL:	Relataj mat-fjuwil
AMAN:	Manuvra f'daqqa





FIGURA 24

Imwiet skond il-kategorija ta' l-inċidenti, ajruplani barranin, użati f'operazzjonijiet ta' trasport pubbliku jew ta' l-avjazzjoni ġenerali, li jaħdnu b'turbini, ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż akbar minn 5,700 kg

Numru ta' fatalitajiet



4.2


INDIKATURI TA' SIGURÀ TAT-TRASPORT PUBBLIKU BL-AJRU

Barra mill-kategoriji assenjati ta' inċidenti CAST-ICAO speċifikati f'kapitolu 4.1, ġew assenjati kategoriji ta' inċidenti għal ajruplani ċċertifikati b'piż massimu ta' tluq ta' bejn 2,250 u 5,700 kg.

Ir-rati ta' inċidenti li jidhru hawn huma bbażati fuq informazzjoni meħuda mis-sistema ICAO ADREP u minn dejta espożizzjoni/moviment mogħtija mill-Bureau tat-Trasport bl-Ajru ta' l-ICAO. Meta kienet qed tithejjha din ir-reviżjoni, id-dejta dwar l-2006 kienet għadha ma ḥarġitx u għalhekk l-istudju kellu jiġi limitat għas-snin 2000 – 2005 (għalkemm saret stima għall-2006, jekk jogħġibok ara hawn taħt). Barra minn hekk, kien hemm disponibbli biss dejta aggregata għall-Istati Ewropej , jiġifieri, il-kalkoli jinkludu rati ta' inċidenti anki ta' Stati Ewropej li m'humiex membri jew assoċjati ma' l-EASA.

FIGURA 25

Rata ta' inċidenti fatali, ajruplani reregistrati fl-Ewropa, 2000 – 2006, ajruplani b'ġewnaħ fissa b'piż ta' aktar minn 2,250 kg, operazzjonijiet ta' trasport pubbliku




Ir-rata li tidher fil-**FIGURA 25** hija bbażata fuq in-numru ta' l-inċidenti fatali kollha reregistrati fl-Ewropa, irrispettivament mill-kawża. Il-valur għall-2006 ġie kkalkulat fuq stima ta' numru ta' titjiriet u billi sar użu min-numru attwali ta' inċidenti fatali. It-tnaqqis fir-rata mill-2005 għall-2006 hi prinċipalment ir-riżultat ta' tnaqqis fin-numru ta' inċidenti minn 10 fl-2005 għal 6 fl-2006.

Il-**FIGURA 26** turi l-frekwenza relativa ta' l-aktar tliet kategoriji ta' inċidenti sinjifikattivi li fihom kellhom x'jaqsmu ajruplani reregistrati fl-Ewropa.

FIGURA 26

L-aktar kategoriji ta' inċidenti sinjifikattivi, Ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg MTOM, irregjistrati fl-Ewropa, operazzjonijiet ta' trasport pubbliku, inċidenti fatali, 2000 – 2006



CFIT: Titjira kkontrollata għal-ġo l-art


LOC-I: Telf tal-kontroll waqt it-titjira

TECH: Inċidenti relatati ma' ajruplani/sistemi ta' ajruplani jew ma' ħsarat fil-magni ta' l-ajruplan

Titjira kkontrollata għal-ġo l-art (CFIT)

FIGURA 27


CFIT: Rata ta' inċidenti fatali 2000 – 2006, ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg, irregjistrati fl-Ewropa



Il-ftit tnaqqis fir-rata meta jiġu mqabbla s-snин 2003 u 2005 u r-rata stmati għall-2006 hija riżultat ta' żjieda fit-traffiku filwaqt li n-numru ta' inċidenti relatati ma' 'titjiriet ikkontrollati għal ġo l-art' baqa' l-istess (2).

Telf tal-kontroll waqt it-titjira (LOC-I)


FIGURA 28 LOC-I: Rata ta' inċidenti fatali 2000 – 2006, ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg, irregjistrati fl-Ewropa, operazzjonijiet ta' trasport pubbliku



Filwaqt li n-numru ta' inċidenti relatati mal-kategorija 'telf tal-kontroll waqt it-titjira' inbidel, ir-rata medja ta' inċidenti fatali li jinvolvu 'telf tal-kontroll waqt it-titjira' baqa' l-istess tul l-aħħar ħames snin b'madwar 0.27 inċidenti għal kull miljun titjira.

Inċidenti li jikkonċernaw ajruplani/sistemi ta' ajruplani jew nuqqasijiet fil-magni ta' l-ajruplani (TECH)⁹

FIGURA 29 TECH: Rata ta' inċidenti fatali 2000 – 2006, ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg, irreġistrati fl-Ewropa, operazzjonijiet ta' trasport pubbliku



Bħala riżultat tan-numru stabbli ta' inċidenti fatali f'din il-kategorija, ir-rata ta' inċidenti fatali baqgħet stabbli tul dawn l-aħħar ħames snin. It-tnaqqis żgħir li jiġi osservat mill-2002 'il quddiem huwa r-riżultat taż-żjieda fin-numru ta' titjiriet filwaqt li n-numru relatrat ta' inċidenti baqa' kostanti (2 kull sena).

KONKLUŻJONI

L-informazzjoni turi li l-livell ta' sigurtà fl-avjazzjoni Ewropea huwa għoli u li hemm tendenza ta' titjib kontinwu. Madankollu hemm xi tħassib: ir-rati ta' titjib huma iktar baxxi mill-bqija tad-din, hemm numru persistentament baxx ta' inċidenti u xi inċidenti huma kważi eskluissivament iddominati minn inċidenti kkawżati minn ajruplani Ewropej.

Barra mill-imwiet f'operazzjonijiet ta' trasport pubbliku, kważi l-istess numru ta' persuni kienu feruti għall-mewt f'inċidenti ta' l-Avjazzjoni Ġenerali Ewropea.

Hemm il-ħtieġa ta' sforz koordinat Ewropew biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet.

⁹ Nota: Għall-finijiet ta' din l-analiżi, informazzjoni dwar inċidenti għall-kategoriji ta' inċidenti “SCF-NP” (Ħsara fis-sistema/komponenti, non-power plant) u “SCF-PP” (Ħsara fis-sistema/komponenti, power plant) ġew ikkombinati flimkien.

5.1

L-INIZJATTIVA EWROPEA GĦAL SIGURTÀ STRATEĠIKA (ESSI)

F'April 2006, l-EASA nidiet l-Inizjattiva Ewropea għal Sigurtà Strateġika (ESSI) bħala s-suċċessur tal-Joint Aviation Safety Initiative (Inizjattiva Konguña dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni) (JSSI) ta' l-Awtoritajiet Konguńti ta' l-Avjazzjoni (JAA). Il-laqgħa tal-fondazzjoni tal-ESSI saret fis-27 ta' April 2006, u l-konsenja ngħata fit-28 ta' Ġunju 2006.

L-ESSI hija sħubija għas-sigurtà fl-Avjazzjoni fl-Ewropa. L-ġhan tagħha hu li tkompli ttejjeb is-sigurtà fl-Ewropa u għaċ-ċittadini Ewropej mad-dinja kollha fis-snin 2007–2017, permezz ta' analiżi ta' dejta dwar is-sigurtà, koordinament ma' inizjattivi għas-sigurtà mad-dinja kollha u l-implementazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni effettivi a paragun tan-nefqa.

L-ESSI reġġhet stabbiliet u reġġhet tat-ħajja ġdida lill-isforzi ta' kooperazzjoni dwar is-sigurtà fl-Ewropa b'għan ġdid, b'approċċ ġdid ta' sħubija li jirregola l-industrija, u proċess ġdid. B'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-wirt tal-JSSI tagħha, l-ESSI se tibqa' żżomm u tkompli tiżviluppa l-kooperazzjoni mat-Tim tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni Kummerċjali (CAST) fl-Istati Uniti u ma' inizjattivi oħra kbar ta' sigurtà madwar id-dinja, b'mod partikolari taħt il-Programm Cooperative Development of Operational Safety and Continuing Airworthiness (Żvilupp Kooperattiv tas-Sigurtà Operattiva u ta' Kundizzjoni Tajba għat-Tajran) (COSCAP) tal-Programm ta' Koperazzjoni Teknika ta' l-ICAO.

L-ESSI tiffitja b'mod naturali fi ħdan ir-Road Map tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni Globali żviluppata fl-2006 għall-ICAO mill-Grupp għal Strateġija ta' Sigurtà fl-Industrija immexxi mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA). Kif imħeġġa mir-Road Map, l-ESSI tipprovd mekkaniżmu li jikkordina inizjattivi ta' sigurtà fl-Ewropa u bejn l-Ewropa u l-bqija tad-dinja, billi tfitteżx allinjament globali u tnaqqas kemm tista' l-isforzi dupplikati bejn il-partijiet interessati.

Il-parteċipanti ta' ESSI jiġu mill-Istati Membri ta' l-EASA (27 Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea flimkien ma' l-Iżvizzera, il-Lichtenstein, l-Iżlanda u n-Norveġja) u l-Istati tal-JAA, minn fost fabbrikanti, operaturi u unions professionali, organizzazzjonijiet ta' riċerka, l-Amministrazzjoni ta' l-Avjazzjoni Federali (FAA) u organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-EUROCONTROL u ICAO. Sal-lum qed jieħdu sehem iktar minn sebgħin organizzazzjoni ċivili u militari.

L-ESSI hi sħubija bejn l-EASA, regolaturi Ewropej oħra u l-industrija. Bħall-CAST, l-ESSI hija bbażata fuq il-prinċipju li l-industrija tista' tikkomplimenta azzjoni regulatorja b'impenn volontarju għal titjib effettiv meta mqabbel man-nefqa.

Is-sħubija hija approvata bl-iffirmar ta' impenn, li bih l-organizzazzjonijiet jippenjaw irwieħhom li jkunu sħab indaqs fi ħdan l-ESSI, jipprovdu riżorsi raġjonevoli biex jiżguraw li l-ESSI tkun effettiva, u jieħdu azzjonijiet raġjonevoli bħala riżultat tar-rakkomandazzjonijiet, gwida u soluzzjonijiet ta' l-ESSI. Biex din is-sħubija tissaħħaħ, l-istruttura ta' l-ESSI tiddikjara li kull tim ta' ESSI jrid ikun immexxi flimkien ma' regolatur u ma' membru mill-industrija.

L-ESSI hija inizjattiva ta' valutazzjoni u ġestjoni tar-riskji, ibbażata fuq id-dejta u li għandha diversi miri li tird tilħaq. Hijha se tanalizza id-dejta tas-sigurtà biex tiddeċċiedi l-fatturi li jikkawżaw jew li jgħinu biex isiru inċidenti u tidentifika riskji għas-sigurtà. Se tieħu vantaġġ minn inizjattivi oħra ta' sigurtà sabiex tevita rduppjar ta' riżorsi u tkabar kemm tista' s-sinerġija. Se tmexxi studji pronjostiċi biex tiskopri perikli potenziali fil-futur. L-ESSI se tispjega l-linji bażi tas-sigurtà, twaqqaf u tippubblika l-għanijiet tas-sigurtà u tibbilanċja l-potenzjal biex tnaqqas ir-riskju flimkien ma' l-ispejjeż, u tipprovdri riżultati bla ħlas lill-industrija ta' l-avjazzjoni.

L-ESSI tapplika u tippromwovi prinċipji ta' ġestjoni tas-sigurtà, tapplika approċċ ta' "kultura ġusta", tittratta d-dejta kollha tas-sigurtà u l-għejjun ta' deja tas-sigurtà b'mod kunfidenzjali, u tħares l-informazzjoni u d-dejta li tkun ta' proprietà privata.

L-ESSI għandha tliet pilastri: It-Tim Ewropew għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni Kummerċjali (ECAST), it-Tim Ewropew għas-Sigurtà tal-Ħelikopters (EHEST), u t-Tim Ewropew għas-Sigurtà Ġenerali fl-Avjazzjoni (EGAST). L-attività bil-ħelikopters tinkludi operazzjonijiet kummerċjali u ġenerali.

5.1.1 IT-TIM EWROPEW GHAS-SIGURTÀ FL-AVJAZZJONI KUMMERċJALI (ECAST)

L-ECAST għandha x'taqsam ma' operazzjonijiet kbar bl-ajruplani. Hijha twaqqafet f'Ottubru 2006 mit-tim li kien waqqaf l-ESSI. L-ECAST hija l-ekwivalenti tal-CAST fl-Istati Uniti. Il-mira ta' l-ECAST hi li tkompli ttejjeb is-sigurtà fl-avjazzjoni kummerċjali fl-Ewropa, u fost iċ-ċittadini Ewropej madwar id-dinja.

L-ECAST qed tiżviluppa xogħol ġdid ta' sigurtà bl-użu ta' proċess maqsum fi tliet fażiżji: Fażi 1 – Identifikazzjoni u għażla ta' temi ta' sigurtà, Fażi 2 – analiżi ta' temi ta' sigurtà, u Fażi 3 – Żvilupp, implementazzjoni u monitoraġġ ta' pjaniżiet ta' azzjoni. Fil-Fażi 1, l-ECAST se tiġġenera lista ta' temi ta' sigurtà li jpoġġu lill-pubbliku Ewropew f'periklu u dawn jistgħu jkunu suġġetti appropjati għal tibdil fl-azzjoni. Din il-lista se tkun disponibbli għal aktar analiżi, u dan hu

l-għan ta' Fażi 2. Għal kull temta ta' sigurtà, l-ECAST se tiżviluppa, tistma, tagħżel, timplimenta u tħasses fuq pjanijet ta' azzjoni li jkunu effiċjenti a paragun man-nefqa fil-Fażi 3. Bl-użu ta' kejl ta' prestazzjoni tas-sigurtà definit f'Fażi 2, l-ECAST se tħasses fuq l-effiċjenza ta' pjan ta' azzjoni biex jintlaħqu l-miri ta' sigurtà msemmija, u fejn meħtieġ tagħmel korrezzjonijiet. Ix-xogħol f'Fażi 1 beda f'April 2006 u l-ewwel riżultati huma mistennija fl-2007.

Fl-Ewropa l-ECAST tara li jitlestew il-pjanijet ta' azzjoni li hi wirtet mill-JSSI. Dawn il-pjanijet ġew addattati minn JSSI mix-xogħol tal-CAST. Il-mira tagħhom huwa t-tnaqqis tar-riskji minn inċidenti fl-Ewropa tat-tip ‘titjira kkontrollata għal-ġo l-art’, ‘telf ta’ kontroll’ u ‘approċċ u nżul’.

Żewġ proċessi oħra ta' l-ECAST għandhom x’jaqsmu mal-komunikazzjoni u l-koordinament ma’ inizjattivi oħra ta’ sigurtà fl-Ewropa u madwar id-dinja.

5.1.2

IT-TIM EWROPEW GĦAS-SIGURTÀ TAL-ĦELIKOPTERS (EHEST)

L-ESSI huwa t-tieni pilastru ta' l-EHEST. Fih hemm rappreżentanti ta' fabbrikanti, operaturi, organizzazzjonijiet ta' riċerka, regolaturi, investigaturi ta' inċidenti u l-militar minn madwar l-Ewropa.

L-EHEST hija wkoll il-komponent Ewropew tat-Tim Internazzjonali tas-Sigurtà tal-Heликόpteros (IHST). L-IHST twaqqfet fl-Istati Uniti fl-2006 bil-għan li tnaqqas bi 80 % r-rati ta' inċidenti sa l-2016. Biex jindirizzaw l-ispeċifikazzjonijiet tas-sigurtà ta' l-operazzjonijiet tal-Heликόpteros, f'Novembru ta' l-2006, il-membri Ewropej ta' l-IHST waqqfu l-EHEST.

It-Tim ta' Analiżi Ewropew dwar is-Sigurtà (EHSAT) twaqqaf bil-għan li jiżviluppa proċess ta' analiżi ta' inċidenti Ewropej bil-ħelikopter u biex janalizza l-prestazzjoni ta' l-analiżi, bħall-funzjoni tat-Tim Konġunt tas-Sigurtà tal-Heликόpteros (JHSAT) fi ħdan l-IHST. L-EHSAT hija impennjata li tiżgura li l-analiżi magħmulha fl-Ewropa tkun kompatibbli max-xogħol tal-JHSAT.

Biex tindirizza l-varjetà tal-lingwi li jintużaw fir-rapporti ta' l-inċidenti u ttejjeb kemm tista' l-użu tar-riżorsi, fl-2007, l-EHSAT waqqfet seba' timijiet reġjonali ta' analiżi madwar l-Ewropa, bil-għan li tkopri iktar minn 80 fil-mija tal-flotta Ewropea. Konsolidament tar-riżultati jsir mill-EHSAT bl-ġħajjnuna ta' l-EASA.

5.1.3 IT-TIM EWROPEW GHAS-SIGURTÀ GENERALI FL-AVJAZZJONI (EGAST)

L-EGAST hija t-tielet pilastru ta' l-ESSI, u se tīgi mnedija tard fl-2007.

Fl-Ewropa, bħal f'reġjuni oħra tad-dinja, l-Avjazzjoni Ġenerali hija komunità mifliruxa. L-isports fl-ajru u l-avjazzjoni għal finijiet rikreattivi jiġbru flimkien firxa sħiħa ta' attivitajiet ta' titjur, li jvarjaw minn titjur bil-magni, bil-balloon u glajders għal attivitajiet ġodda bħal l-isserfjar fl-ajru, titjur b'magni żgħar ħafna u paragliding.

L-EGAST se tagħti kas tal-materjal regolatorju ġdid żviluppat mill-EASA għall-avjazzjoni ġenerali. Hi għandha l-isfida li tikseb dejta tas-sigurtà fl-avjazzjoni u li theggex lill-komunità ta' l-avjazzjoni ġenerali tieħu sehem. L-EGAST se tibni fuq l-inizjattivi nazzjonali ta' l-avjazzjoni ġenerali fl-Ewropa u li toħloq forum biex fiq tinqasam dejta dwar is-sigurtà u l-aħjar prattiċi fl-Ewropa.

5.2 TFASSIL TA' REGOLI

Bi tweġiba għall-esperjenza fl-inċidenti, l-EASA qegħda taħdem fuq it-titjib tal-materjal regolatorju relatat fl-attivitajiet ta' tfassil ta' regoli tagħha. Iktar dettalji jinstabu fuq:

HTTP://WWW.EASA.EUROPA.EU/HOME/RM_APP_EN.HTML.

5.3 ĊERTIFIKAZZJONI

L-EASA tieħu wkoll azzjonijiet spċifici biex twieġeb għall-esperjenza fl-inċidenti. L-Aġenzija qed tniedi diversi ħidmiet biex ittejjeb is-sistema operattiva fir-rigward tal-kategoriji ta' l-inċidenti, inklużi l-ħruġ ta' direttivi dwar il-kundizzjoni tajba għat-tajran ta' mezzi ta' trasport bl-ajru. Dettalji jinstabu fuq:

HTTP://WWW.EASA.EUROPA.EU/HOME/AW_DIR_EN.HTML.

APPENDIĊI

APPENDIĊI 1: DEFINIZZJONIJIET U AKRONIMI

Incident ¹⁰	Ġrajja assoċjata ma' operazzjoni ta' ajrulan li ssir f'xi ħin bejn meta persuna titla' fuq ajrulan bl-intenzijni ta' tajran sakemm il-persuni kollha jkunu niżlu minn fuqu, li fiha:
	a) persuna tkun weġġħet b'mod fatali jew serju bħala riżultat ta': <ul style="list-style-type: none">— li tkun fl-ajrulan, jew— f'kuntatt dirett ma' xi parti ta' l-ajrulan, inklużi partijiet li jkunu nqalgħu mill-ajrulan, jew<ul style="list-style-type: none">— espożizzjoni diretta għall-blast tal-ġet, għajr meta l-ġrieħi jkunu ġejjin minn kawżi naturali, jsiru mill-persuna stess fuqha nnifisha jew inflitti minn persuni oħra, jew meta l-ġrieħi jsiru fuq nies maħruba li jkunu qed jinħbew 'il barra minn dawk il-postijiet li fihom normalment joqogħdu l-passiġġieri u l-ekwipaġġ; jew
	b) l-ajrulan īgarrab ħsarat jew nuqqasijiet strutturali li: <ul style="list-style-type: none">— jinfluwenzaw b'mod ħażin is-sahħha strutturali, it-tħaddim jew il-karatteristiċi ta' l-ajrulan, u<ul style="list-style-type: none">— normalment tkun meħtieġa tiswija kbira jew il-bdil tal-komponent li tkun gratalu l-ħsara, minbarra meta l-magna tieqaf taħdem jew ikollha l-ħsara, meta l-ħsara tkun limitata għall-magna, għall-partijiet esterni jew għall-aċċessorji, truf tal-ġwienaħ, erjals, tajers, brejkijiet, fairings, daqqiet żgħar jew daqqiet li jinfdu l-qoxxa ta' l-ajrulan; jew
Xogħol mill-Ajru	c) l-ajrulan ma jinstabx jew ma jkun bl-ebda mod possibbli li jaslu sa' ħdejh. Operazzjoni bl-ajru li fiha jintuża ajrulan għal servizzi speċjalizzati bħal biedja, bini, fotografija, sevejing, osservazzjoni u għassa, tiffix u salvataġġ, reklamar bl-ajru, eċċ.
ADREP	Rappurtagħ ta' Dejta dwar Aċċidenti/Inċidenti ta' l-ICAO
EASA	Aġenzijsa Ewropea għas-Sigurtà fl-Avazzjoni
KE	Kummissjoni Ewropea
Incident Fatali	Incident li jkun ħalla għall-inqas bniedem mejjet, membru ta' l-ekwipaġġ u/jew passiġġier jew fuq l-art, fi żmien 30 jum mill-inċident.
Ajrulan barrani	l-ajrulani kollha mhux reġistrati f'xi wieħed mill-Istati Membri ta' l-EASA
Operazzjonijiet ta'	Operazzjoni bl-ajrulan ħlief għal operazzjoni ta' trasport kummerċjali
l-Avazzjoni Ġenerali	bl-ajru jew għal operazzjoni ta' xogħol mill-ajru
ICAO	L-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avazzjoni Ċivili
Ajrulan żgħir	Ajrulan b'piżi massimu ċċertifikat mat-tlugħ ta' inqas minn 2,251 kg.
MTOM	Piż massimu ċċertifikat mat-tlugħ
Operazzjonijiet	Operazzjoni b'ajrulan li tinvoli l-ġarr ta' passiġġieri, merkanzija jew ittri bi ħlas jew b'kiri.
ta' Trasport Pubbliku	Servizz bl-ajru għall-użu tal-pubbliku in-ġenerali u mħaddem skond skeda pubbliku jew bi frekwenza regolari li tikkostitwixxi serje ta' titjur sistematiku rinkonoxibbli faċilment, li jkunu miftuħin għal booking dirett mill-membri tal-pubbliku.
Servizz Skedat bl-Ajru	Grupp ta' Studju Indikatur tas-Sigurtà
SISG	

¹⁰ EASA tuża definizzjonijiet ta' l-ICAO għat-termini "Incident" u "Incident fatali" (ara Anness 13 ta' l-ICAO, Kapitolu 1- Definizzjonijiet)

ABBREVJAZZJONIJET TAL-KATEGORIJI TA' OKKORRENZA

għal iktar dettalji ara

[HTTP://INTLAVIATIONSTANDARDS.ORG/OCCURRENCECATEGORIES.HTML](http://INTLAVIATIONSTANDARDS.ORG/OCCURRENCECATEGORIES.HTML)

ARC	Kuntatt mhux Normali mar-Ranwej
AMAN	Manuvra f'daqqa
ADRM	Ajrodroru
ATM	ATM/CNS
CABIN	Atti ta' Sigurtà fil-Kabina
CFIT	Titjira Kkontrollata fi jew Lejn l-Art
EVAC	Evakwazzjoni
F-NI	Nar/Duħħan (Mingħajr Impatt)
F-POST	Nar/Duħħan (Wara l-Impatt)
FUEL	Għandu x'jaqsam mal-Fjuwil
GCOL	Ħbit fuq l-Art
RAMP	Maniġġ fuq l-Art
ICE	Icing
LOC-G	Telf ta' Kontroll – Fuq l-Art
LOC-I	Telf ta' Kontroll – Fl-Ajru
LALT	Operazzjonijet f'Altitudni Baxxa
MAC	Airprox/TCAS Alert/Loss of Separation/Near Midair Collisions/Midair Collision
OTHR	Oħrajn
RE	Fuq ir-ranwej
RI-A	Infiltrazzjoni fuq ir-ranwej – Annimal
RI-VAP	Infiltrazzjoni fuq ir-ranwej – Vettura, ajruplan jew persuna
SEC	Relatata mas-sigurta
SCF-NP	Ħsara jew ħidma ħażina ta' sistema/komponent (Non-Powerplant)
SCF-PP	Ħsara jew ħidma ħażina ta' sistema/komponent (Powerplant)
TURB	Turbolenza
USOS	Undershoot/Overshoot
UNK	Mhux Magħruf jew Mhux Stabbilit
WSTRW	Windshear jew Maltempata bis-sajjetti

APPENDIĊI 2: LISTA TAL-FIGURI

- Figura 1 Imwiet ta' passiġġieri għal 100 miljun mili passiġġieri, operazzjonijiet skedati ta' trasport pubbliku, b'eċċejżjoni għal atti ta' indħil illegali
- Figura 2 Rati ta' inċidenti fatali li fihom kienu involuti passiġġieri għal kull 100,000 titjira, operazzjonijiet skedati, b'eċċejżjoni għal atti ta' indħil illegali
- Figura 3 Inċidenti fatali, total ta' operazzjonijiet ta' trasport pubbliku, ajruplan b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg MTOM
- Figura 4 Inċidenti fatali, total ta' operazzjonijiet ta' trasport pubbliku tal-passigeri, ajruplan b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg MTOM
- Figura 5 Inċidenti fatali, operazzjonijiet ta' trasport pubbliku ta' merkanċija, ajruplan b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg MTOM
- Figura 6 Inċidenti fatali abbord, total ta' operazzjonijiet ta' trasport pubbliku, ajruplan b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg MTOM
- Figura 7 Tqassim ta' inċidenti fatali mifruxa fuq il-fażjiet ta' titjir, operazzjonijiet ta' trasport pubbliku dinji, 1997–2006, Ajruplan b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg MTOM

Figura 8	Tqassim tal-fotta tat-trasport kummerċjali bl-ajru skond it-tip ta' propulsjoni, Stati kontraenti ta' l-ICAO, 1996 – 2005, Piż ta' l-ajruplan aktar minn 9,000 kg MTOM
Figura 9	Tqassim reġjonali tan-numru ta' titjiet, operazzjonijiet skedati u mhux skedati, 2000 – 2005
Figura 10	Rata ta' inċidenti fatali għall-perijodu 2000 – 2005, operazzjonijiet skedati u mhux skedati
Figura 11	Inċidenti fatali, total ta' operazzjonijiet ta' trasport pubbliku, ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg MTOM
Figura 12	Inċidenti fatali abbord, total ta' operazzjonijiet ta' trasport pubbliku, ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg MTOM reġistrati fi Stati Membri ta' l-EASA
Figura 13	Tqassim ta' inċidenti fatali matul il-fażiċiет tat-titjira, operazzjonijiet ta' trasport pubbliku, 1997 – 2006, ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg MTOM
Figura 14	Inċidenti u inċidenti fatali skond it-tip ta' operazzjoni ta' trasport pubbliku, ħelikopters irregjistrati fi Stati Membri ta' l-EASA, 2006
Figura 15	Distribuzzjoni ta' ħelikopters użati f'operazzjonijiet ta' trasport pubbliku – inċidenti skond MTOM, ħelikopter reġistrat fi Stat Membri ta' l-EASA, 2006
Figura 16	Inċidenti u inċidenti fatali skond it-tip ta' operazzjoni, avjazzjoni Ġenerali u Xogħol mill-Ajru, sena 2006
Figura 17	Inċidenti u inċidenti fatali skond it-tip ta' operazzjoni, sena 2006 ħelikopters, Stati Membri SREG ta' l-EASA
Figura 18	Tqassim ta' inċidenti skond MTOM, Stati Membri ta' l-EASA, ħelikopters, 2006
Figura 19	Kategoriji ta' inċidenti – inċidenti ta' ajruplani rregjistrati fi Stati Membri ta' l-EASA użati f'operazzjonijiet ta' trasport pubbliku jew ta' l-avjazzjoni ġenerali li jaħdmu b'turbina, ajruplani b'piż ta' aktar minn 5,700 kg
Figura 20	Kategoriji ta' inċidenti- inċidenti ta' ajruplani barranin użati f'operazzjonijiet ta' trasport pubbliku jew ta' l-avjazzjoni ġenerali li jaħdmu b'turbini, ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż akbar minn 5,700 kg
Figura 21	Kategoriji ta' inċidenti- inċidenti fatali ta' ajruplani ta' Stati Membri ta' l-EASA użati f'operazzjonijiet ta' trasport pubbliku jew ta' l-avjazzjoni ġenerali li jaħdmu b'turbini, ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż akbar minn 5,700 kg
Figura 22	Kategoriji ta' inċidenti- inċidenti ta' ajruplani barranin użati f'operazzjonijiet ta' trasport pubbliku jew ta' l-avjazzjoni ġenerali li jaħdmu b'turbini, ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż akbar minn 5,700 kg
Figura 23	Imwiet skond il-kategorija ta' l-inċidenti, ajruplani rregjistrati fi Stati Membri ta' l-EASA użati f'operazzjonijiet ta' trasport pubbliku jew ta' l-avjazzjoni ġenerali li jaħdmu b'turbini, ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż akbar minn 5,700 kg
Figura 24	Imwiet skond il-kategorija ta' l-inċidenti, ajruplani barranin użati f'operazzjonijiet ta' trasport pubbliku jew ta' l-avjazzjoni ġenerali li jaħdmu b'turbini, ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż akbar minn 5,700 kg
Figura 25	Rata ta' inċidenti fatali, ajruplani rregjistrati fl-Ewropa, 2000 – 2006, ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg, operazzjonijiet ta' trasport pubbliku
Figura 26	L-aktar kategoriji ta' inċidenti sinjifikativi, ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg MTOM, irregjistrati fl-Ewropa, operazzjonijiet ta' trasport pubbliku, inċidenti fatali, 2000 – 2006
Figura 27	CFIT: Rata ta' inċidenti fatali 2000 – 2006, ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg, irregjistrati fl-Ewropa, operazzjonijiet ta' trasport pubbliku
Figura 28	LOC-I: Rata ta' inċidenti fatali 2000 – 2006, ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg, irregjistrati fl-Ewropa, operazzjonijiet ta' trasport pubbliku
Figura 29	TECH: Rata ta' inċidenti fatali 2000 – 2006, ajruplani b'ġewnaħ fiss b'piż ta' aktar minn 2,250 kg, irregjistrati fl-Ewropa, operazzjonijiet ta' trasport pubbliku

APPENDIĊI 3: LISTA TA' INĊIDENTI FATALI FL-2006

Operazzjonijiet ta' Trasport Pubbliku b'ajrulani ta' iktar minn 2,250 kg MTOM biss

AJRUPLANI RREĠISTRATI FI STATI MEMBRI TA' L-EASA

Data	Stat fejn ġara l-inċident	Tip ta' Ajruplan	Tip ta' Operazzjoni	Imwiet abbord	Fażi tat-titjira
12/01/06	Il-Ġermanja	Beech 300 King Air	Ferry/ pożizzjonament	2	Approċċ
07/03/06	Spanja	Cessna 421	Taxi fl-arja	6	Approċċ
02/07/06	Il-Ġermanja	De Havilland DHC2 MK I Beaver	Passiġġier	5	Take-off
09/07/06	Federazzjoni Russa	Airbus A310	Passiġġier	126	Landing
10/10/06	In-Norveġja	BAE Systems 146-200	Passiġġier	4	Landing
19/10/06	Franza	Beech 90 King Air	Servizz Mediku ta' Emerġenza	4	Take-off

AJRUPLANI RREĠISTRATI FIL-BQIJA TAD-DINJA (AJRUPLANI BARRANIN)

Data	Stat fejn ġara l-inċident	Tip ta' Ajruplan	Tip ta' Operazzjoni	Imwiet abbord	Fażi tat-titjira
02/01/06	L-Ukrajna	BAE Systems 125 Series 700	Ferry/ pożizzjonament	3	Approċċ
16/01/06	L-Istati Uniti	Boeing 737-500	Passiġġieri	1	Wiegaf
19/01/06	L-Australja	Beech 58 Baron	Passiġġieri	2	Mhux magħrufa
21/01/06	Il-Kanada	Cessna 208B	Passiġġieri	3	Waqt ir-rotta
08/02/06	L-Istati Uniti	Swearingen Metro II	Merkanzija	1	Waqt ir-rotta
08/03/06	L-Istati Uniti	Cessna 414A	Ferry/ pożizzjonament	3	Approċċ
08/03/06	Il-Kanada	Piper PA-31-350	Cargo	1	Landing
18/03/06	L-Istati Uniti	Beech C99	Cargo	2	Approċċ
24/03/06	L-Ekwador	Cessna 208 Caravan I	Passiġġieri	5	Tlugħ
31/03/06	Il-Brażil	Let L-410	Passiġġieri	19	Waqt ir-rotta
16/04/06	Il-Bolivja	Fokker F-27	Passiġġieri	1	Landing
24/04/06	L-Afganistan	Antonov An-32	Passiġġieri	2	Landing
27/04/06	Il-Kongo	Convair 580	Merkanzija	8	Landing
28/04/06	L-Uganda	CESSNA 208 Grand Caravan	Merkanzija	3	Waqt ir-rotta

Data	Stat fejn ġara l-inċident	Tip ta' Ajruplan	Tip ta' Operazzjoni	Imwiet abbord	Fażi tat-titjira
03/05/06	Federazzjoni Russa	Airbus A320	Passiġġieri	113	Approċċ
02/06/06	L-Istati Uniti	Learjet 35A	Passiġġieri	2	Approċċ
21/06/06	In-Nepal	De Havilland DHC6-300	Passiġġieri	9	Approċċ
25/06/06	L-Istati Uniti	Mitsubishi MU-2B-60	Ferry/ pożizzjonament	1	Tlugħ
30/06/06	Il-Możambik	Cessna 208B	Passiġġieri	1	Approċċ
07/07/06	Il-Kongo	Antonov An-12	Merkanzija	6	Waqt ir-rotta
10/07/06	L-Istati Uniti	Piper PA-31-350	Merkanzija	1	Waqt ir-rotta
10/07/06	Il-Pakistan	Fokker F-27	Passiġġieri	45	Tlugħ
03/08/06	Il-Kongo	Antonov An-28	Passiġġieri	17	Approċċ
04/08/06	L-Istati Uniti	Embraer 110 Bandeirante	Ferry/ pożizzjonament	1	Approċċ
13/08/06	L-Italja	Lockheed Hercules 100-30	Merkanzija	3	Waqt ir-rotta
22/08/06	L-Ukrajna	Tupolev TU-154M	Passiġġieri	170	Waqt ir-rotta
27/08/06	L-Istati Uniti	Bombardier CRJ-100	Passiġġieri	49	Tlugħ
01/09/06	L-Iran	Tupolev TU-154M	Passiġġieri	28	Landing
29/09/06	Il-Brażil	Boeing 737-800	Passiġġieri	154	Waqt ir-rotta
25/10/06	Il-Madagaskar	Cessna 425	Passiġġieri	6	Tlugħ
29/10/06	In-Niġerja	Boeing 737-200	Passiġġieri	96	Tlugħ
09/11/06	Il-Kongo	Let L-410	Passiġġieri	1	Landing
17/11/06	L-Indoneżja	De Havilland DHC6-300	Passiġġieri	12	Waqt ir-rotta
18/11/06	Il-Kolombja	Boeing 727-100	Merkanzija	5	Approċċ
16/12/06	It-Tanžanija	Cessna 310Q	Passiggieri	2	Tlugh
30/12/06	Il-Messiku	Rockwell Sabreliner	Merkanzija	2	Approċċ

RINUNZJA

Id-dejta ta' l-inċidenti ppreżentata hawnhekk hija strettament għal finijiet ta' informazzjoni. Hija meħuda mid-databases ta' l-Aġenzija flimkien ma' dejta mill-ICAO u mill-industrija ta' l-avjazzjoni. Hija tirrifletti tagħrif fiż-żmien meta sar ir-rapport.

Filwaqt li sar dak kollu li seta' jsir biex ma jsirux żabalji fit-tħejjija ta' dan ir-rapport, l-Aġenzija ma tagħti l-ebda garanzija dwar il-preċiżjoni, is-sħuħija u l-attwalitā tal-kontenut. L-Aġenzija ma għandhiex tinżamm responsabbi għal kwalunkwe tip ta' danni jew pretensjonijiet jew talbiet imressqa bħala riżultat ta' dejta mhux korretta, nieqsa jew invalida, jew li tirriżulta minn jew relatata ma' l-użu, l-ikkupjar, jew il-wiri tal-kontenut, sakemm ikun permess mil-ligħejji Ewropej u nazzjonali. L-informazzjoni li hemm fir-rapport ma għandhiex titqies bħala avviż legali.

MITBUGĦ

Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni
Dipartiment ta' l-Analiżi tas-Sigurtà u Riċerka
Ottoplatz 1, D-50679 Cologne

Phone : +49 221 89990 000
Telefax : +49 221 89990 999
E-Mail : asr@easa.europa.eu

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata diment li s-sors jiġi rikonoxxut.

Informazzjoni dwar l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni tista' tinkiseb minn www.easa.europa.eu.

ART DIRECTION, DESIGN AND PRINTING

Heller & C, Thomas Zimmer
Lindenstrasse 20, D-50674 Cologne



EASA

Ottoplatz 1, D-50679 Cologne
www.easa.europa.eu